## 3 ta' April, 1989

**Imħallef: –**

## Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.

Vincent u Grace miżżewġin Camilleri

*versus*

Salvatore Mercieca

**Spoll – Azzjoni ta' Spoll – Pussess – Detenzjoni – Eċċezzjoni mhix Dilatorja**

*Il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi sabet illi kien hemm spoll u ordnat ir-reintegrazzjoni ta' l-atturi fil-pussess. Fi-eżami ta' spoll, il-Qrati ma jistgħu jagħtu ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-atturi jokkupaw b'titolu ta' lokazzjoni l-fond 16 Birzebbugia Road, Tarxien;

Premess illi dan l-aħħar, ċjoè fit-18 ta' Ġunju 1983, jew data verjuri, il-konvenut li joqgħod fil-fond kontigwu f'numru 68B, *Simmons Avenue,* Tarxien, abusivament neħħa l-katusa ta' erba' pulzieri li kienet twassal l-ilma mill-bejt ta' l-atturi u minflokha għamel oħra aktar dejqa u ingastaha ġol-ħajt – waqt li dik oriġinali kienet fuq barra ta' l-istess ħajt – kollox kif spjegat

fl-anness dikjarazzjoni rilaxxata mill-Perit Louis Naudi (Dok. A);

Premess illi dan l-aġir tal-konvenut mhux biss huwa ta' ħsara għall-atturi, iżda wkoll jikkostitwixxi spoll vjolenti għaddannu ta' l-istess atturi;

Talbu għalhekk l-atturi li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti a dannu ta' l-atturi;

2. Konsegwentement, jiġi kkundannat sabiex, fi żmien qasir u perentorju jirripristina l-affarijiet fuq imsemmija kif kienu qabel taħt id-direzzjoni ta' perit nominand; u

3. In difett, jiġu awtorizzati jesegwixxu huma x-xogħlijiet rikjesti a spejjeż tal-konvenut;

B'riserva ta' kull azzjoni ta' danni spettanti lill-atturi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-2 ta' Awissu 1983 kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa bir-rispett illi l-azzjoni ta' spoll ma tistax tibqa' miexja peress li l-atturi ma kellhom l-ebda pussess skond il-liġi imma kellhom użu abusiv ta' proprjetà ta' l-esponenti;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda tagħhom;

Ikkunsidrat li bħala fatti jidher li hemm qbil li l-konvenut qala' l-katusa ta' erba' pulzieri li kienet twassal l-ilma mill-bejt ta' l-atturi u minflokha qiegħed oħra idjaq u *di più* difen il-komunikazzjoni l-ġdida fil-ħajt;

*Omissis;*

Il-konvenut issottometta diversi punti in kontestazzjoni ta' l-opinjonijiet tekniċi rilevati mill-perit ġudizzjarju iżda skarta l-elementi legali relattivi għall-***actio spolii.*** Il-Qrati tagħna dejjem irritenew illi f'kawża ta' spoll il-konvenut ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhux dilatorja qabel ma jkun reġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat ta' qabel. L-ewwel irid jiġi spurgat l-ispoll imbagħad jiġi diskuss il-mertu dwar fatti. Ma hemm ebda dubbju li bl-aġir tiegħu l-konvenut ikkommetta fatt spoljattiv u li l-azzjoni ġiet eżerċitata entro t-termini stipulati mil-liġi;

Il-Qorti tiddeplora l-kumment aħħari tal-konvenut fin-nota tiegħu ta' osservazzjonijiet dwar il-fatt li hu xtaq, itella' xhieda oħrajn. Dan għaliex mill-atti għandu jidher b'mod lampanti kemm il-konvenut ġie konċess lilu li jressaq il-provi kollha tiegħu għal darba tnejn u tlieta imma donnu li dejjem jinqalagħlu xi ħaġa. F'kull każ il-fatti juru eżawrjentement li t-talba attriċi hija fondata fil-fatt u fid-dritt ukoll;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet kollha ta' l-atturi b'dan li għall-fini tat-tieni talba qiegħda tipprefiġġi fuq il-konvenut terminu perentorju ta' xahrejn mil-lum biex jispurga l-ispoll u jqiegħed mill-ġdid kollox kif kien qabel fil-fondi *de quo* okkorrendo taħt id-direzzjoni peritali ta' AIC Michael Angelo Refalo a spejjeż tiegħu; u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi li

jagħmlu l-istess xogħol huma a spejjeż tal-konvenut. Il-kap ta' l-ispejjeż jitħallas interament mill-konvenut. Tingħata riserva ta' kull azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi *si et quatenus*.